# Aġġornament fuq ix-xogħol tar-restawr tat-tużell

Wara proċess twil ta' evalwazzjoni tax-xogħol, ġbir tal-istimi u tal-permessi mill-Kummissjoni tal-patrimonju tal-Knisja u mill-bord djoċesan tal-proġetti fil-parroċċi, wasalna fl-aħħar biex nibdew ix-xogħol proprju tar-restawr tal-istruttura tal-injam, l-iskultura u l-induratura tat-tużell tal-festa. Dan il-proġett ġie afdat f'idejn ir-restawratur Naduri l-Kan. Charles Vella fil-laboratorju tiegħu ġewwa Malta. L-istima tax-xogħol ser tlaħħaq is-somma ta' €16,350.

Ma' din l-ispiża rridu nżidu x-xogħol ta' tiswija li jrid isir fuq il-bellus irrakkmat tat-tużell, li b'xorti tajba m'hemmx ħsarat kbar u r-rakkmu ma ġralux ħsara. Għad m'għandniex stima ta' dan ix-xogħol.

Flimkien ma' dan, bħalissa qed jinħadem ukoll il-winch il-ġdid tat-tużell li ser ikun jaħdem bl-elettriku u ser ikollu żewġ sistemi



ta' brejkijiet li joffru iktar sigurtà f'każ ta' inċident, li hu maħsub li ser jiġi jiswa madwar €2,700.

Id-donazzjonijiet li daħlu s'issa jammontaw għal €4,057.50. Grazzi lil diversi għaqdiet li diġà taw il-kontribut siewi tagħhom, fosthom lill-Konfraternità tal-Kavallieri ta' San Pietru u San Pawl li dan l-aħħar wasslulna d-donazzjoni ta' €200.

Inkomplu nħeġġukom tgħinuna nwettqu dan il-proġett ħalli fil-festa nerġgħu narawh fis-sbuħija kollha tiegħu.

**AVVIŻI:**

Matul il-quddies kollu ta' dan il-weekend 25/26 ta' Jannar, se ssir il-**ġabra għall-Art Imqaddsa**. Ngħinu mill-aħjar li nistgħu.

Nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar fl-4.00pm se jiltaqa' l-**Grupp ta' Talb ta' Patri Piju** fil-kappella tas-Sorijiet. Wara l-Adorazzjoni bir-Ružarju jkun hemm il-Quddiesa. Inkomplu nitolbu kemm għall-morda kif ukoll għall-vokazzjonijiet. Ngħixu t-Tama kif mistiedna fis-Sena tal-Ġublew.

Infakkru u **nħeġġu lir-romol kollha**, irġiel u nisa li nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar, fis-5.45pm, se ssir il-laqgħa għalihom fil-Mużew il-qadim tal-Bniet, Triq Rakela Camilleri. Imexxi Dun Ġużepp Attard.

L-Għaqda Dun Franġisk Grima tavża li nhar il-Ħamis 30 ta' Jannar, se torganizza **żjara għal Dar Trijonfi**, iċ-Ċentru tal-Caritas il-ġdid immexxi minn Dun Jimmy Xerri. Tluq minn ħdejn iċ-Ċentru fid-9.30am. Għat-trasport ċemplu lil Tonina fuq 79923041.

**Ħarġa għall-anzjani** mill-Kunsill Lokali Nadur li tibda b'Quddiesa fil-knisja tan-Nazzarenu x-Xagħra. Wara żjara fil-Mużew tal-Ġugarelli, ikla u tombla għand Kozmo Restaurant. Se tkun nhar il-Ħamis 30 ta' Jannar. Tluq mill-Pjazza fit-3.30pm. Aktar informazzjoni mill-uffiċċju tal-Kunsill.

Nhar is-Sibt, l-1 ta' Frar, fit-8.15am fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, ser issir **Siegħa Adorazzjoni** bi tpattija lill-Qalb Bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Kulħadd hu mistieden.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am